**STQARRIJA MINISTERJALI MID-DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA L-ONOR. CHRIS FEARNE DWAR IN-NOVEL CORONA VIRUS**

Sur President,

Fl-aħħar tas-sena li għaddiet, proprju fil-31 ta' Diċembru 2019, kien rappurtat l-ewwel każ ta' Novel Corona Virus minn Wuhan fiċ-Ċina.

Minn dakinhar sal-lum ġew rappurtati 'l fuq minn 70,000 każ – u n-numri jiżdiedu kull siegħa - il-maġġoranza l-kbira tagħhom ġewwa ċ-Ċina, b'madwar 1,780 mewt.

Jidher illi n-Novel Corona Virus jew COVID-19 kif ġie msemmi mill-Għaqda Dinjija tas-Saħħa, jinfirex minn persuna għal oħra b'mod simili ta' kif tinfirex l-influenza. Sa issa għadu ma hemmx vaċċin għal kontra dan il-mikrobu.

Nhar il-Ħamis, 13 ta' Frar, inżammet laqgħa tal-Kunsill tal-Ministri tas-Saħħa Ewropej ġewwa Brussell proprju biex niddiskutu s-sitwazzjoni tal-Corona Virus madwar id-dinja kif ukoll fl-Ewropa. Is-sitwazzjoni fl-Ewropa hi illi, għalkemm hawn każi iżolati ta' COVID-19, sa issa għad ma hawnx stat ta' epidemija. Jiġifieri fl-Ewropa għadna fl-istadju ta' konteniment.

F'Malta sa issa wkoll għad ma għandniex każijiet ta' COVID-19. Għandna żewġ adulti li qegħdin ġo kwarantina bi prekawzjoni wara li seta' kien hemm kuntatt ma' persuni infettati barra minn Malta.

B'kollaborazzjoni mal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa u l-ECDC (European Centre for Disease Prevention and Control) l-awtoritajiet Maltin minn kmieni ħadu l-prekawzjonijiet ta' konteniment. Kumitat immexxi mis-Supretendent għas-Saħħa Pubblika ta' kuljum qiegħed isegwi s-sitwazzjoni dinjija u joħroġ rakommandazzjonijiet lokali. Nieħu pjaċir ninnota li wieħed mill-kelliema tal-Oppożizzjoni, il-ġimgħa li għaddiet kellu l-okkażjoni li jirrikonoxxi x-xogħol siewi li qed isir min-nies tekniċi fid-Dipartiment tas-Saħħa. Nirringrazzja lill-Onor. Mario Galea tal-kummenti tiegħu.

Fil-mitjar ta' Ħal Luqa hemm proċess ta' *screening* minn professjonisti tas-saħħa 24 siegħa kuljum. Kull persuna li tkun ġejja minn xi post fejn hemm tixrid tal-*virus* tkun *screened*. Dan isir f'ċentru ta' iżolament speċjali ġol-mitjar stess. L-istess jiġri ġol-*cruise liner terminal* tal-Port il-Kbir.

Il-laboratorji tagħna f'Mater Dei ġew mgħammra sabiex isiru testijiet u fi żmien sagħtejn jistgħu diġà joħorġu r-riżultati. F'każ ta' riżultat pożittiv (nerġa' ngħid li sa issa f'Malta ma kellniex) tħejja ċentru ta' kura f'iżolament – ġo binja apposta, mhux ġo Mater Dei – bi 12-il sodda.

Dan iservi biex jekk ikollna persuna infettata tkun iżolata u jitnaqqas ir-riskju ta' tixrid tal-*virus*. F'każ li l-persuna infettata tkun teħtieġ kura klinika fl-Isptar Mater Dei, tkabbar l-Infection Control Unit, sabiex ikun jista' jilqa' sa tmien każijiet kliniċi separati. Id-Dipartiment tal-Emerġenza, l-ITU u ċ-Ċentri tas-Saħħa madwar Malta wkoll ġew mgħammra bi kmamar ta' iżolament.

Id-Dipartiment tas-Saħħa xtara lbies protettiv għall-ħaddiema tas-saħħa u saru sessjonijiet ta' taħriġ dwar dan.

Is-sitwazzjoni fid-dinja u fl-Ewropa dwar il-COVID-19 qiegħda tinbidel minn jum għal ieħor. Id-Dipartiment tas-Saħħa qiegħed iżomm kuntatt kontinwu mal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa, mal-ECDC u mal-EU Health Security Committee.

Ċittadini li jixtiequ aktar dettalji dwar dan is-suġġett jistgħu jċemplu fuq il-*helpline* 21324086. Grazzi, Sur President.